MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 32/2006

**Valhmor Borg Import Export Ltd**

**Vs**

**Suyabatmaz Tuncel**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tletin ta’ Jannar 2006 permezz ta’ liema is-socjeta attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma komplessiva ta’ tlett elef sebgha u tletin lira Maltin (LM3037) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta’ diversi konsenji ta’ prodotti ghall-konsum, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribli mill-erbatax ta’ Dicembru 2005 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta’ Qbid kawtelatorju fl-ismijiet premessi, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in

konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri, u bil-konvenut ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta kien debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni nhar l-ewwel ta’ Novembru 2007 kif jirrizulta mit-timbru li hemm fl-atti a fol. 18 tergo tal-process.

Rat li fis-seduta tal-hmistax (15) ta’ Novembru 2007 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef tlieta u sebghin lira Maltin (LM3,073) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------